IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2015
COM(2015) 647 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-Trattament Internazzjonali tal-Korpi Pubbliċi Inkarigati mill-Ġestjoni tad-Dejn Pubbliku u tal-Banek Ċentrali f'Pajjiżi Terzi, jew li Jintervjenu Fihom, skont ir-Regolament 596/2014 dwar l-Abbuż tas-Suq

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż tas-suq (minn hawn 'il quddiem: "RAS")[1] jeżenta lill-Istati Membri, inkluż il-membri tal-federazzjoni fil-każ ta' Stat Membru li huwa Stat federali, il-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), il-ministeri u aġenziji oħrajn u veikoli bi skop speċjali ta' Stat Membru wieħed jew aktar jew persuni li jaġixxu f'isimhom mill-applikazzjoni tar-RAS għal tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba diment li jitwettqu bl-iskop ta' politiki monetarji, tar-rata tal-kambju jew tal-ġestjoni tad-dejn pubbliku.

Din l-eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-RAS tista', skont l-Artikolu 6(5) tar-RAS, tiġi estiża permezz ta' att delegat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 35 tar-RAS għal ċerti korpi pubbliċi inkarigati mill-ġestjoni tad-dejn pubbliku, jew li jintervjenu fiha, u għal banek ċentrali ta' pajjiżi terzi.

Dan ir-rapport jivvaluta t-trattament internazzjonali tal-korpi pubbliċi inkarigati mill-ġestjoni tad-dejn pubbliku u tal-banek ċentrali f'pajjiżi terzi, jew li jintervjenu fihom, bil-għan li jevalwa l-adegwatezza tal-estensjoni tal-eżenzjoni msemmija iktar' il fuq.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA TAR-RAPPORT

Is-subparagrafu 2 tal-Artikolu 6(5) tar-RAS jitlob li, sat-3 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni tħejji u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih tivvaluta t-trattament internazzjonali tal-korpi pubbliċi inkarigati mill-ġestjoni tad-dejn pubbliku u tal-banek ċentrali f'pajjiżi terzi, jew li jintevjenu fiha. F'termini ta' kontenut, is-subparagrafu 3 tal-Artikolu 6(5) tar-RAS jistipula li r-rapport tal-Kummissjoni għandu jinkludi analiżi komparattiva tat-trattament ta' dawk il-korpi u tal-banek ċentrali fil-qafas legali tal-pajjiżi terzi, u l-istandards tal-ġestjoni tar-riskju applikabbli għat-tranżazzjonijiet li jidħlu fihom dawk il-korpi u l-banek ċentrali f'dawk il-ġurisdizzjonijiet. Barra minn hekk, is-subparagrafu 3 tal-Artikolu 6(5) tar-RAS jitlob li jekk ir-rapport jikkonkludi, b'mod partikolari fir-rigward tal-analiżi komparattiva, li l-eżenzjoni tar-responsabbiltajiet monetarji ta' dawk il-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi mill-obbligi u mill-projbizzjonijiet tar-RAS hija meħtieġa, il-Kummissjoni għandha testendi l-eżenzjoni msemmija iktar' il fuq anke għall-banek ċentrali ta' dawk il-pajjiżi terzi.

3. KONTRIBUT TEKNIKU TAL-ESMA U ĠURISDIZZJONIJIET IKKUNSIDRATI

Minħabba n-natura globali tas-swieq finanzjarji u d-differenzi tal-oqfsa legali ta' pajjiżi terzi, u tal-istandards ta' ġestjoni tar-riskju applikabbli għat-tranżazzjonijiet f'ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, fil-21 ta' Ottubru 2013 il-Kummissjoni talbet lill-ESMA tidentifika l-aktar ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi rilevanti biex jiġu vvalutati. Fit-tfassil ta' dawn il-listi ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni stiednet lill-ESMA biex tieħu kont tal-kontribut mingħand awtoritajiet kompetenti u parteċipanti fis-suq, fejn xieraq, u għal-lista ta' pajjiżi mhux tal-UE

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

ta’ prijorità, biex tieħu kont biss ta' dawk il-pajjiżi b’volum sinifikanti ta’ tranżazzjonijiet fi ħdan il-kamp ta’ applikazzjoni tar-RAS. Fil-25 ta’ Novembru 2013, l-ESMA pprovdiet lill-Kummissjoni b’kontribut tekniku li jinkludi kriterji għad-determinazzjoni ta’ lista prijoritizzata u nominattiva ta’ pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-ESMA pprovdiet lill-Kummissjoni b’rakkomandazzjonijiet fir-rigward tat-twaqqif ta’ proċedura tal-għażla u elementi għal konsiderazzjoni fil-vautazzjoni li għandha titwettaq tal-pajjiżi terzi.

Għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta’ pajjiżi terzi, l-ESMA qieset xieraq li tqis u li tiddependi fuq il-metodoloġija tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) biex tidentifika l-ġurisdizzjonijiet b'settur finanzjarju sistematikament importanti li għalih huwa obbligatorju l-Programm ta' Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju (Financial Sector Assessment Programme, FSAP) tal-FMI. Skont l-ESMA, il-metodoloġija tal-FMI tgħaqqad id-daqs u l-interkonnettività tas-settur finanzjarju ta' kull pajjiż u għaldaqstant tqis id-dimensjoni tas-swieq finanzjarji. Skont il-FMI, dan il-grupp ta’ pajjiżi jkopri kważi 90 % tas-sistema finanzjarja globali u 80 % tal-attività ekonomika globali u jinkludi l-maġġoranza tal-pajjiżi tal-G20 u tal-membri tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (Financial Stability Board, FSB). Barra minn hekk, l-ESMA applikat żewġ kriterji addizzjonali: l-ewwel nett, li jkun fil-lista tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force, FATF) ta’ “ġurisdizzjonijiet ta’ riskju għoli u mhux kooperattivi” li jidentifikaw lill-pajjiżi li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fil-miżuri tagħhom biex jiġġieldu kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u t-tieni nett, li ma jkunx firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil Multilaterali (MtQM) tal-IOSCO.

Meta eskludiet lill-membri li huma pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE u inkludiet lit-Turkija bħala pajjiż kandidat għall-UE fl-istudju, il-Kummissjoni pproduċiet lista li tinkludi 13-il ġurisdizzjoni (l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, Hong Kong SAR, il-Ġappun, l-Indja, il-Messiku, Singapore, il-Korea t’Isfel, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-Istati Uniti). Fir-Rapport tagħha, il-Kummissjoni ddeċiediet li tiffoka fuq dawk il-ġurisdizzjonijiet bħala prijorità sabiex tiddeċiedi fuq l-adegwatezza tal-estensjoni tal-eżenzjoni mill-obbligi u l-projbizzjonijiet tar-RAS.

4. STUDJU ESTERN

Sabiex twettaq valutazzjoni komprensiva tat-trattament internazzjonali tal-korpi pubbliċi ta’ pajjiżi terzi, it-tħejjija tal-evalwazzjoni ġiet kummissjonata lil kuntratturi indipendenti, iċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej (Centre for European Policy Studies, CEPS) u l-Università ta’ Bolonja (minn hawn’ il quddiem: “Kuntratturi Esterni”). Fit-12 ta’ Ġunju 2015, il-Kuntratturi Esterni ppreżentaw ir-rapport lill-Kummissjoni intitolat “Study on exemptions for third-country central banks and other entities under the Market Abuse Regulation and the Markets in Financial Instruments Regulation” (minn hawn’ il quddiem: “Studju Estern”). Għall-iskopijiet tat-twettiq tal-Istudju Estern, il-Kuntratturi Esterni għamlu stħarriġ u kwestjonarju indirizzat lill-banek ċentrali tal-pajjiżi terzi, riċerka legali u ekonomika u analiżi tad-dejta rispettiva. Barra minn hekk, l-Istudju Estern kien ibbażat fuq analiżi ekonomika tal-banek ċentrali u l-mandati u l-proċeduri operazzjonali tal-uffiċċji tal-ġestjoni tad-dejn (minn hawn 'il quddiem: "DMO" (Debt Management Office)); u fuq analiżi

legali tal-kuntest tas-suq u l-oqfsa operazzjonali u legali applikabbli għall-banek ċentrali tal-pajjiżi terzi u d-DMOs.

Sabiex tiġi vvalutata l-opportunità ta' għotja u eżenzjoni lill-banek ċentrali u lid-DMOs rigward ir-rekwiżiti tar-RAS, il-Kuntratturi Esterni jqabblu r-regoli applikabbli f'kull waħda mill-ġuriżdizzjonijiet kkunsidrati ma' dawk tar-RAS. L-Istudju Estern stabbilixxa l-kuntest u l-qafas għal kull ġurisdizzjoni u identifika l-livell ta' trasparenza u ħarsien tas-sistema u, fost l-oħrajn, ħa kont tar-regoli li għandhom l-għan li jipprojbixxu u jikkastigaw l-abbuż minn informazzjoni privileġġata imwettaq mill-banek ċentrali jew mill-membri tal-persunal tad-DMOs, l-eżenzjoni mir-regolamentazzjoni dwar l-abbuż tas-suq għall-politika ta' ġestjoni monetarja, ta' rata tal-kambju jew ta' ġestjoni tad-dejn pubbliku mwettqa mill-banek ċentrali jew mid-DMOs u r-regoli ta' kondotta tal-persunal dwar l-użu ta' informazzjoni kunfidenzjali, dwar tranżazzjonijiet f'assi għal interessi privati u dwar l-indipendenza u l-kunflitti ta' interess.

5. ANALIŻI TA' ĠURISDIZZJONI

B'kont meħud tal-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 6(5) tar-RAS dwar il-preparazzjoni tar-Rapport attwali, l-analiżi komparattiva tal-ġurisdizzjonijiet identifikati bl-ebda mod ma hija eżawrjenti u hija bbażata, b'mod partikolari, fuq l-analiżi tar-regoli interni ta' kondotta u/jew l-etika applikabbli għall-banek ċentrali u d-DMOs, dwar regoli li jirrestrinġu l-użu personali ta' informazzjoni kunfidenzjali, negozjar ta' assi minn membri tal-persunal f'isimhom stess, miżuri li jippromwovu l-indipendenza tal-persunal, kif ukoll standards ta' ġestjoni tar-riskju u regoli ta' kondotta u/jew etika applikabbli għall-membri tal-persunal, u d-disponibbiltà tal-awtorizzazzjoni effettiva tal-konformità interna[2].

- **L-Awstralja**

Il-Bank tar-Riżerva tal-Awstralja: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali. Il-Bank tar-Riżerva tal-Awstralja (Reserve Bank of Australia, RBA) mhuwiex formalment eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Bl-istess mod, ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għal banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. L-RBA japplika standards ta' ġestjoni tar-riskju biex iwettaq l-operazzjonijiet tiegħu. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali skont diversi dispożizzjonijiet legali u l-kodiċi ta' kondotta intern applikabbli u ma jitħallewx ikunu attivi fin-negozjar tal-istrumenti finanzjarji għal għanijiet personali. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal huma meħtieġa jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw il-kunflitti ta' interess. Il-membri tal-persunal isiru konxji tal-eżistenza u l-applikabilità ta' kodiċi ta' kondotta intern meta jiġu reklutati u jiġu eżaminati fuq bażi kontinwa dwar l-għarfien tagħhom dwaru. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu, skont il-gravità, iwasslu għal terminazzjoni tal-impjieg.

[2] *Ara* s-sommarju tal-analiżi u l-kriterji fl-Anness ta' dan ir-Rapport.

L-Uffiċċju Awstraljan tal-Ġestjoni Finanzjarja: Il-membri tal-persunal tad-DMO huma soġġetti għar-regoli rilevanti dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, u l-manipulazzjoni tas-suq. La d-DMO u lanqas id-DMOs ta' pajjiżi terzi ma huma eżentati mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Il-membri tal-persunal huma marbutin b'regolamentazzjonijiet ġenerali li japplikaw standards tal-ġestjoni tar-riskju għall-korpi pubbliċi, u għandhom id-dmir tas-segretezza professjonali. Huma pprojbiti wkoll milli jagħmlu użu ta' informazzjoni privileġġata u milli jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji maħruġin mid-DMO, u għandhom anke jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' partijiet terzi, u jevitaw kunflitti ta' interess. Hemm funzjoni ta' verifika tal-konformità interna fis-seħħ biex tippresjedi fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' kondotta interni, tinvestiga l-ksur u tirrapporta lill-awtoritajiet esterni meta jkun meħtieġ. Skont il-gravità tal-każ, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jvarjaw minn twissija għal sensja.

- **Il-Brażil**

Il-Bank Ċentrali tal-Brażil: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu reati kriminali. Il-bank ċentrali nazzjonali mhuwiex formalment eżentat mir-regoli tal-abbuż tas-suq. Bl-istess mod, ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għal banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. Il-bank ċentrali għandu ġabra ta' regoli operazzjonali dwar it-tranżazzjonijiet għad-disponiment u l-akkwiżizzjoni ta' strumenti finanzjarji, u l-istandards ta' ġestjoni tar-riskju huma fis-seħħ u applikati b'mod konsistenti. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għad-dmir ta' segretezza professjonali u huma pprojbiti milli jagħmlu użu ta' informazzjoni privileġġata għal skopijiet privati. Filwaqt li l-ebda regola ma tipprojbixxi kompletament in-negozjar f'assi predeterminati jew strumenti finanzjarji għal skopijiet personali, il-membri tal-persunal iridu joqogħdu lura milli jieħdu vantaġġ minn informazzjoni privileġġata jew sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess li jirriżultaw mill-pożizzjoni tagħhom mal-bank ċentrali. Il-membri tal-persunal għandhom id-dmir ukoll li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw il-kunflitti ta' interess. Kumitat tal-etika jinforma lill-persunal bir-regoli ta' kondotta, jagħmel monitoraġġ tal-applikazzjoni tagħhom u jieħu azzjonijiet dixxiplinarji f'każ ta' ksur. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jvarjaw minn twissija għal sensja.

It-Teżor Nazzjonali tal-Brażil: Ma teżisti l-ebda eżenzjoni mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq għad-DMO u/jew DMOs ta' pajjiżi terzi. Ma teżisti l-ebda ġabra speċifika ta' regoli operazzjonali għall-immaniġġjar tad-disponiment jew l-akkwiżizzjoni ta' strumenti finanzjarji. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali skont diversi dispożizzjonijiet legali u r-regoli ta' kondotta interni applikabbli u huma pprojbiti milli jagħmlu użu minn informazzjoni privileġġata għal għanijiet personali mingħajr l-ebda eċċezzjoni. Hemm regoli speċifiċi u dettaljati fis-seħħ li jipprevjenu b'mod espliċitu lill-membri tal-persunal milli jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji maħruġin mid-DMO jew entitajiet pubbliċi oħrajn, sakemm ma jkunux japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi u stretti. Il-membri tal-persunal huma meħtieġa jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn

interessi ta’ terzi persuni, u jevitaw il-kunflitti ta’ interess. Kumitat tal-etika intern li jissorvelja l-applikazzjoni tar-regoli ta’ kondotta interni u jieħu azzjonijiet dixxiplinarji f’każ ta’ ksur. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jvarjaw minn twissija għal sensja.

- **Il-Kanada**

Il-Bank tal-Kanada: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta’ informazzjoni privileġġata u l-forom kollha ta’ manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, li huma soġġetti għal pieni. Il-bank ċentrali nazzjonali mhuwiex formalment eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata jew l-iżvelar illegali ta’ informazzjoni privileġġata, iżda huwa eżentat minn regoli dwar manipulazzjoni tas-suq. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għall-banek ċentrali tal-pajjiżi terzi. Il-bank ċentrali japplika l-istandards ta’ ġestjoni tar-riskju biex iwettaq l-operazzjonijiet tiegħu. Il-membri tal-persunal għandhom id-dmir tas-segretezza professjonali, li jipprojbixxi kwalunkwe użu u tentattiv ta' użu ta' informazzjoni privileġġata għal interessi privati. Ir-regoli applikabbli dwar in-negozjar tal-istrumenti finanzjarji għal għanijiet personali huma mfassla skont il-pożizzjoni tal-membru tal-persunal. Il-membri tal-persunal huma meħtieġa jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta’ terzi persuni, u jevitaw il-kunflitti ta’ interess. Kumitat maħtur mill-bord tad-diretturi tal-bank ċentrali, flimkien mal-uffiċċju tal-konformità, jissorvelja l-amministrazzjoni tal-kodiċi ta’ kondotta u huwa fdat bil-kompiti ta’ rieżami, tat-tixrid tal-għarfien u tat-teħid ta’ azzjoni dixxiplinari f’każ ta’ ksur tiegħu. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jinkludu terminazzjoni tal-impjieg.

Id-Dipartiment tal-Finanzi tal-Kanada: Il-membri tal-persunal tad-DMO huma soġġetti għal projbizzjoni tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata, għall-iżvelar illegali ta’ informazzjoni privileġġata u għal kull forma ta’ manipulazzjoni tas-suq u ta’ pieni amministrattivi u kriminali rilevanti. DMO mhuwiex eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata jew l-iżvelar illegali ta’ informazzjoni privileġġata, iżda huwa eżentat mir-regoli dwar il-manipulazzjoni tas-suq. Id-DMOs ta’ pajjiżi terzi mhumiex eżentati minn dawn ir-regoli. Japplikaw l-istess standards ta’ ġestjoni tar-riskju bħal għall-bank ċentrali. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għad-dmir ta’ segretezza professjonali u huma pprojbiti milli jagħmlu użu ta’ informazzjoni privileġġata għal skopijiet privati, mingħajr l-ebda eċċezzjoni. Il-membri tal-persunal huma pprojbiti milli jinvestu fi strumenti finanzjarji li jagħtu lok għal kunflitti ta’ interess attwali jew potenzjali. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dazju ta' indipendenza u huma meħtieġa biex jiġu evitati kunflitti ta’ interess. Funzjoni ta’ verifika tal-konformità interna tinsab fis-seħħ biex tippresjedi fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta’ kondotta interni, u l-osservanza tagħhom hija parti mill-kuntratt ta’ impjieg, u tinvestiga każijiet ta’ mġiba ħażina u tirrapporta dawn il-każijiet ta’ mġiba ħażina lill-awtoritajiet esterni.

- **Iċ-Ċina**

Il-Bank tal-Poplu taċ-Ċina: Il-membri tal-persunal tal-bank ċentrali huma soġġetti għar-regoli kollha li jipprojbixxu l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u ksur bħal dan li jirriżulta f'reati amministrattivi u/jew kriminali. Il-bank ċentrali huwa eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Madankollu, din l-eżenzjoni ma tapplikax għall-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. Il-bank ċentrali japplika l-istandards ta' ġestjoni tar-riskju ġenerali u speċifiċi meta jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu. Il-konformità ma' dawn l-istandards hija vverifikata regolarment mill-konformità u l-awditjar interni. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir strett ta' segretezza professjonali, li japplika lil hinn mit-terminu ta' impjieg. Il-membri tal-persunal huma pprojbiti wkoll milli jagħmlu użu minn informazzjoni privileġġata għal skopijiet privati, mingħajr l-ebda eċċezzjoni. Japplikaw restrizzjonijiet fl-investiment u fiż-żamma tal-assi u l-istrumenti finanzjarji. Il-membri tal-persunal għandhom id-dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u li jevitaw il-kunflitti ta' interess. Funzjoni ta' verifika tal-konformità interna hija fis-seħħ sabiex tissorvelja l-applikazzjoni tar-regoli ta' kondotta interni. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu anke jwasslu għal sensja.

- **Hong Kong**

L-Awtorità Monetarja ta' Hong Kong: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali u huma soġġetti għal pieni. Billi l-Awtorità Monetarja ta' Hong Kong tappartjeni għall-fergħa eżekuttiva, hemm biss eżenzjoni *de facto* mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għall-banek ċentrali tal-pajjiżi terzi. L-Awtorità Monetarja ta' Hong Kong tapplika standards ta' ġestjoni tar-riskju u tosserva politika ta' investiment intern u manwali ta' proċeduri meta hija twettaq l-operazzjonijiet tagħha. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali, li huwa infurzat taħt diversi dispożizzjonijiet legali u huma pprojbiti milli jużaw informazzjoni privileġġata fl-interess privat tagħhom stess. Il-membri tal-persunal huma pprojbiti milli jinvestu fi strumenti finanzjarji maħruġa minn entitajiet regolati u jeħtieġ li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' partijiet terzi u jevitaw il-kunflitti ta' interess. Id-dipartiment tal-ġestjoni u tar-riżorsi umani jippresjedi fuq l-applikazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta intern approvat minn awtoritajiet regolatorji esterni. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu anke jwasslu għal terminazzjoni tal-impjieg.

Is-Servizzi Finanzjarji u l-Uffiċċju tat-Teżor ta' Hong Kong: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, u huma soġġetti għal pieni. Id-DMO huwa eżentat *de facto* mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għad-DMOs tal-pajjiżi terzi. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali u huma pprojbiti

milli jużaw informazzjoni privileġġata fl-interess privat tagħhom stess. Il-membri tal-persunal ma jistgħux jinvolvu ruħhom f'investimenti privati li jistgħu jikkawżaw kunflitti ta' interess reali jew apparenti mad-dmirijiet uffiċjali tagħhom u jridu jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jiżvelaw il-kunflitti ta' interess lis-superviżuri tagħhom. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jvarjaw minn twissija verbali jew bil-miktub għal irtirar obbligatorju jew sensja.

- **L-Indja**

Bank tar-Riżerva tal-Indja: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, u kull reat jiġi soġġett għal pieni *ad hoc*. Il-Bank tar-Riżerva tal-Indja huwa eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għall-banek ċentrali u għad-DMOs tal-pajjiżi terzi. Il-Bank tar-Riżerva tal-Indja japplika l-istandards ta' ġestjoni tar-riskju biex iwettaq l-operazzjonijiet tiegħu u l-modalità ta' applikazzjoni tagħhom ġiet divulgata biżżejjed. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali skont diversi dispożizzjonijiet legali. Jeżistu regoli li jipprojbixxu espliċitament lill-membri tal-persunal minn negozjar spekulattiv fi strumenti finanzjarji. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dazju biex jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' partijiet terzi. Madankollu, ma hemm l-ebda politika interna speċifika mmirata lejn l-indirizzar tal-kwistjonijiet tal-kunflitti ta' interess. Rigward ir-regoli ta' kondotta, il-funzjoni ta' sorveljanza taqa' fuq kull superjur ġerarkiku dirett. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jwasslu jew anke jirriżultaw f'terminazzjoni tal-impjieg.

- **Il-Ġappun**

Il-Bank tal-Ġappun: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, u kull reat jiġi soġġett għal pieni *ad hoc*. Il-bank ċentrali nazzjonali mhuwiex folrmalment eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq. Bl-istess mod, ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għal banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali għal ħajjithom. Il-membri tal-persunal huma pprojbiti milli jagħmlu użu ta' informazzjoni privileġġata għal skopijiet privati u milli jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw ukoll il-kunflitti ta' interess. Awtorità ċentrali, il-Bord tal-Etika Nazzjonali tas-Servizz Pubbliku, hija inkarigata li tagħti pariri dwar il-bidliet għall-qafas nazzjonali tal-etika għall-impjegati pubbliċi. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jvarjaw minn twissija u tnaqqis fil-paga għal terminazzjoni tal-impjieg.

Il-Ministeru tal-Finanzi: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u

jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, u huma soġġetti għal pieni. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali għal ħajjithom. Il-membri tal-persunal huma pprojbiti milli jagħmlu użu ta' informazzjoni privileġġata għal skopijiet privati u milli jinnegozjaw f'bonds tal-gvern. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir biex jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' partijiet terzi. Il-Bord tal-Etika Nazzjonali tas-Servizz Pubbliku huwa inkarigat li jagħti pariri dwar il-bidliet għall-qafas nazzjonali tal-etika għall-impjegati pubbliċi kollha. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jvarjaw minn twissija u tnaqqis fil-paga għal terminazzjoni tal-impjieg.

- **Il-Messiku**

Il-Bank tal-Messiku: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti bħala reati kriminali u huma soġġetti għall-piena ta' ħabs. Il-bank ċentrali nazzjonali huwa folrmalment eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għall-banek ċentrali tal-pajjiżi terzi. Il-bank ċentrali japplika standards ta' ġestjoni tar-riskju biex iwettaq l-operazzjonijiet tiegħu u l-mezzi ta' implimentazzjoni tiegħu ġew żvelati biżżejjed. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali, li jkompli lil hinn mit-terminu ta' impjieg. Jeżistu regoli li jipprojbixxu espliċitament li l-membri tal-persunal jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji għal prezz li mhux korrelatat b'mod miftuħ mal-prezz ġust tas-suq. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw ukoll il-kunflitti ta' interess. Il-funzjoni interna inkarigata mill-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli ta' kondotta hija artikolata f'diversi kumitati u dipartimenti. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jvarjaw minn twissija u sospensjoni għal tneħħija, u skwalifika temporanja miż-żamma tal-pożizzjonijiet analogi.

Il-Ministeru tal-Finanzi u tal-Kreditu Pubbliku tal-Messiku: Il-membri tal-persunal tad-DMO huma soġġetti għar-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq u pieni kriminali rilevanti. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq għad-DMO nazzjonali jew għal DMOs ta' pajjiżi terzi. Japplikaw ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fl-assi. Id-DMO japplika standards ta' ġestjoni tar-riskju għall-operazzjonijiet tiegħu. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali u huma pprojbiti milli jagħmlu użu ta' informazzjoni privileġġata għal skopijiet privati, mingħajr l-ebda eċċezzjoni. Ma jeżistux regoli speċifiċi li jipprevjenu lill-membri tal-persunal milli jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji maħruġin mid-DMO. Madankollu, il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw ukoll il-kunflitti ta' interess. Kumitat tal-etika huwa responsabbli għall-applikazzjoni tar-regoli interni ta' kondotta. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jvarjaw minn twissija għal tkeċċija u skwalifika temporanja miż-żamma ta' kaiga fis-settur pubbliku.

- **Singapore**

L-Awtorità Monetarja ta' Singapore: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, u kull reat jiġi soġġett għal pieni *ad hoc*. L-Awtorità Monetarja ta' Singapore hija eżentata mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għall-banek ċentrali jew għad-DMOs tal-pajjiżi terzi. L-Awtorità Monetarja ta' Singapore tapplika standards ta' ġestjoni tar-riskju biex twettaq l-operazzjonijiet tagħha u jsir monitoraġġ tal-konformità ma' dawn l-istandards. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali skont il-kodiċi ta' kondotta interni applikabbli u ma jitħallewx jagħmlu użu privat minn informazzjoni privileġġata. Il-membri tal-persunal u l-familji tagħhom mhumiex permessi li jżommu strumenti finanzjarji maħruġin minn entitajiet regolati u jixtru strumenti finanzjarji elenkati barra mis-swieq pubbliċi. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jinfurmaw ukoll lill-kap tad-dipartiment bil-kunflitti ta' interess. L-Awtorità Monetarja tal-ġestjoni ta' Singapore, flimkien mad-dipartimenti tar-riżorsi umani u tal-ġestjoni tar-riskju, tissorvelja l-applikazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta intern u l-membri tal-persunal ġodda jiġu infurmati dwar dan. Azzjonijiet dixxiplinari meħuda mill-Awtorità Monetarja tal-ġestjoni ta' Singapore jvarjaw minn twissija orali għal terminazzjoni tal-impjieg.

- **Il-Korea**

Il-Bank tal-Korea: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, u kull reat jiġi soġġett għal pieni *ad hoc*, sa massimu ta' priġunerija għall-għomor. Il-bank ċentrali nazzjonali mhuwiex folrmalment eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq. Bl-istess mod, ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għal banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. Il-bank ċentrali japplika l-istandards ta' ġestjoni tar-riskju fit-twettiq tal-operazzjonijiet tiegħu. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali, li jista' jiġi rinunzjat għal skopijiet ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, u ma jistgħux jużaw informazzjoni privileġġata għal skopijiet privati. Ir-restrizzjonijiet fin-negozjar fi strumenti finanzjarji japplikaw biss għall-membri tal-persunal b'aċċess għal informazzjoni kritika. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' partijiet terzi u jridu jikkonsultaw l-uffiċjal għall-konformità jekk jinqala' kunflitt ta' interess u jiġu esklużi milli jipparteċipaw f'din id-deċiżjoni. L-uffiċjal għall-etika u għall-konformità huwa responsabbli għat-taħriġ tal-persunal dwar il-kodiċi ta' kondotta u jagħmel monitoraġġ tal-konformità. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jirriżultaw fit-terminazzjoni tal-impjieg.

Il-Ministeru tal-Istrateġija u tal-Finanzi tal-Korea: Il-membri tal-persunal tad-DMO huma soġġetti għar-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta'

informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq u pieni amministrattivi u kriminali rilevanti. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq għad-DMO nazzjonali jew għal DMOs ta' pajjiżi terzi. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw ukoll il-kunflitti ta' interess. Uffiċjal għall-konformità huwa responsabbli għall-applikazzjoni tar-regoli interni ta' kondotta. Skont il-gravità tal-każ, jistgħu jittieħdu azzjonijiet dixxiplinari.

- **L-Iżvizzera**

Il-Bank Nazzjonali Żvizzeru: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, u huma soġġetti għal pieni. Il-bank ċentrali nazzjonali huwa formalment eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Għall-kuntrarju, l-ebda eżenzjoni ma tingħata lill-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. Il-bank ċentrali japplika l-istandards ta' ġestjoni tar-riskju fit-twettiq tal-operazzjonijiet tiegħu. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali skont il-kodiċi ta' kondotta interni applikabbli u l-membri tal-kunsill tal-bank huma marbutin bih anke wara t-terminazzjoni tal-impjieg tagħhom. L-użu privat ta' informazzjoni privileġġata huwa pprojbit. Il-membri tal-persunal huma pprojbiti milli jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji abbażi ta' informazzjoni privileġġata u milli jidħlu fi tranżazzjonijiet tal-kambju barrani li jaqbżu ċerti limiti monetarji sakemm dan ma jkunx awtorizzat minn qabel. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw ukoll il-kunflitti ta' interess. Id-dipartiment tal-konformità jippresjedi fuq l-applikazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta intern u huwa responsabbli għas-servizzi ta' konsulenza, taħriġ, investigazzjoni, monitoraġġ u rappurtar. Fil-każ ta' mġiba ħażina intenzjonata jew negliġenza gravi, azzjonijiet dixxiplinari jistgħu anke jwasslu għal terminazzjoni tal-impjieg.

Amministrazzjoni Federali tal-Finanzi: Il-membri tal-persunal tad-DMO huma soġġetti għar-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq u reati amministrattivi u kriminali rilevanti. Tingħata eżenzjoni mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq lid-DMO nazzjonali. Id-DMOs ta' pajjiżi terzi mhumiex eżentati minn dawn ir-regoli. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir strett ta' segretezza professjonali, li jkompli anke wara t-termininazzjoni tal-impjieg. Huma pprojbiti wkoll milli jagħmlu użu ta' informazzjoni privileġġata għal skopijiet privati. Hemm regoli li jimponu restrizzjonijiet fuq tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji mill-membri tal-persunal, li huma obbligati li jżommu rekord u jirrapportaw l-investimenti tagħhom fuq talba. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw ukoll il-kunflitti ta' interess. Il-maniġers tal-linja jissorveljaw l-applikazzjoni tar-regoli interni ta' kondotta, li l-għarfien tagħhom huwa parti mill-attività tat-tagħlim tal-membri tal-persunal. Skont il-gravità tal-każ, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu jwasslu għal sensja.

- **It-Turkija**

Il-Bank Ċentrali tar-Repubblika tat-Turkija: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu kemm reati amministrattivi kif ukoll kriminali, u kull reat jiġi soġġett għal pieni *ad hoc*. Il-bank ċentrali nazzjonali huwa formalment eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq, madankollu ma teżisti l-ebda eżenzjoni għall-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. Il-bank ċentrali japplika standards ta' ġestjoni tar-riskju fit-twettiq tal-operazzjonijiet tiegħu u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards huma soġġetti għal awditjar. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali, u jekk dan jinkiser ikun twettaq reat kriminali. Il-membri tal-persunal huma pprojbiti milli jipparteċipaw f'irkanti ta' bonds tal-gvern. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jastjenu milli jieħdu sehem f'deċiżjonijiet li jikkonċernawhom. Id-dipartiment tal-awditar hu responsabbli mill-applikazzjoni tar-regoli interni ta' kondotta, huwa jwettaq eżami u studji, iwettaq investigazzjonijiet u joffru servizzi ta' konsulenza. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, l-azzjonijiet dixxiplinari jistgħu anke jwasslu għal terminazzjoni tal-impjieg.

Sottosegretarjat tat-Teżor tar-Repubblika tat-Turkija: Il-membri tal-persunal tad-DMO huma soġġetti għar-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq u reati amministrattivi u kriminali rilevanti. Ma teżisti l-ebda eżenzjoni mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq għad-DMO nazzjonali jew għal DMOs ta' pajjiżi terzi. Il-membri tal-persunal huma marbutin bi standards tal-immaniġġjar tar-riskju u huma soġġetti għal dmir strett ta' segretezza professjonali, u huma ristretti wkoll milli jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal iridu jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-assi li jipposedu huma u l-familji tagħhom u jeħtieġ li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' partijiet terzi, u jevitaw il-kunflitti ta' interess. Kummissjoni tal-etika nominata mill-maniġment tad-DMO tiżviluppa kultura etika, tipprovdi pariri u tagħmel monitoraġġ tal-imġiba. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, il-kunsill tal-bank ċentrali jista' japplika serje ta' azzjonijiet dixxiplinari li jistgħu anke jwasslu għal sensja.

- **L-Istati Uniti tal-Amerika:**

Is-Sistema ta' Riżerva Federali: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti u jikkostitwixxu reati kriminali, punibbli b'pieni. Il-bank ċentrali nazzjonali huwa formalment eżentat mir-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Ma hija pprovduta l-ebda eżenzjoni għall-banek ċentrali tal-pajjiżi terzi. Il-bank ċentrali japplika l-istandards ta' ġestjoni tar-riskju fit-twettiq tal-operazzjonijiet tiegħu. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir strett ta' segretezza professjonali u huma pprojbiti milli jużaw informazzjoni privileġġata għall-benefiċċju personali tagħhom. Jeżistu regoli li jipprevjenu jew jirrestringu b'mod espliċitu

lill-membri tal-persunal milli jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji abbażi ta' informazzjoni privileġġata fiż-żmien meta jiltaqa' l-Kumitat Federali tas-Suq Miftuħ u milli jinvestu f'titoli tal-Gvern tal-Istati Uniti. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir li jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jridu jevitaw ukoll il-kunflitti ta' interess. Uffiċjal ta' etika, uffiċjal għoli tal-bank ċentrali, huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm tal-bank ċentrali biex jinżammu l-ogħla livelli ta' onestà, integrità u imparzjalità fil-kondotta tal-attivitajiet tal-bank ċentrali. Skont il-gravità tal-imġiba ħażina, il-membri tal-persunal huma soġġetti għal azzjoni dixxiplinarja li tista' twassal għat-terminazzjoni tal-impjieg.

Id-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti: L-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, il-forom kollha ta' manipulazzjoni tas-suq huma pprojbiti. Il-membri tal-persunal huma soġġetti għal dmir strett ta' segretezza professjonali u r-restrizzjonijiet fuq ix-xiri ta' assi u ż-żamma ta' strumenti finanzjarji, kif ukoll għal regoli estensivi dwar żvelar ta' informazzjoni finanzjarja. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal huma meħtieġa jippreservaw l-indipendenza tagħhom minn interessi ta' terzi persuni, u jevitaw il-kunflitti ta' interess. Id-Deputat Uffiċjal Ġuridiku huwa l-Uffiċjal Maħtur tad-Dipartiment rigward l-Etika tal-Aġenzija u huwa responsabbli għall-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-programm tal-etika u kwistjonijiet oħrajn li jirriżultaw skont ir-regoli ta' kondotta interni applikabbli. Il-kapijiet tal-Uffiċċju jieħdu azzjonijiet korrettivi u dixxiplinarji xierqa f'każ ta' mġiba ħażina li jistgħu jwasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg.

6. KONKLUŻJONIJIET

F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tikkonkludi li abbażi tal-valutazzjoni mwettqa permezz tal-analiżi tal-kriterji ewlenin u addizzjonali kif spjegat hawn fuq, huwa xieraq li tingħata eżenzjoni mir-rekwiżiti tar-RAS lill-banek ċentrali u lid-DMOs tal-Awstralja, tal-Brażil, tal-Kanada, ta' Hong Kong SAR, tal-Indja, tal-Ġappun, tal-Messiku, ta' Singapore, tal-Korea t'Isfel, tal-Iżvizzera, tat-Turkija u tal-Istati Uniti u tal-bank ċentrali taċ-Ċina. Għaldaqstant, huwa meħtieġ att delegat skont l-Artikolu 6(5) tar-RAS li jestendi l-eżenzjoni għall-banek ċentrali u għad-DMOs imsemmijin hawn fuq.

Din l-analiżi komparattiva f'dan ir-Rapport mhijiex eżawrjenti. Hija bbażata wkoll fuq il-leġiżlazzjoni ta' xi pajjiżi terzi li tista' tiġi aġġornata. Il-konklużjonijiet imniżżlin f'dan ir-Rapport huma mingħajr preġudizzju għal bidliet possibbli fil-futur, wara li jitqiesu l-bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-pajjiżi terzi jew iċ-ċirkustanzi fattwali mibdula li jistgħu jinstigaw il-ħtieġa għal reviżjoni tal-lista ta' banek ċentrali u DMOs ta' pajjiżi terzi eżentati.

ANNESS: ĦARSA ĠENERALI KOMPARATTIVA TA' PAJJIŻI TERZI

		Regoli ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata	Regoli ta' żvelar ta' informazzjoni privileġġata	Regoli ta manipulazzjoni tas-suq	Eżenzjoni BĊ/DMO	Standards tal-immaniġġjar tar-riskji	Informazzjoni kunfidenzjali	Tranżazzjonijiet privati ta' assi	Indipendenza u kunflitti ta' interess	Infurzar	Eżenzjoni
L-Awstralja	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Le	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u evitar ta' kunflitti ta' interess	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Le	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
Il-Brażil	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Le	Applikati u żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Le	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u evitar ta' kunflitti ta' interess	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
Il-Kanada	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Le	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u evitar ta' kunflitti ta' interess	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
Iċ-Ċina	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Għadhom	Għadhom	Sigriet	Għadhom mhux	Dmir ta'	Azzjoni	**mhux**

					mhux pubblikament disponibbli / żvelati	mhux pubblikament disponibbli	professjonali	pubblikament disponibbli/żvelati	indipendenza	dixxiplinarja li tista' twassal għal sensja	**applikabbli**
Hong Kong SAR	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Għadhom mhux pubblikament disponibbli u lanqas żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u evitar ta' kunflitti ta' interess	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
L-Indja	**BĊ DMO**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	Sigriet professjonali	RTHA	Dmir ta' indipendenza	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
Il-Ġappun	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Le	Għadhom mhux pubblikament disponibbli u lanqas żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza	Azzjoni dixxiplinarja li tista' twassal għal sensja	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Għadhom mhux pubblikament disponibbli/ żvelati	Għadhom mhux pubblikament disponibbli u lanqas żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u evitar ta' kunflitti ta' interess	Azzjoni dixxiplinarja li tista' twassal għal sensja	**Iva**
Il-Messiku	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Le	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	Iżommu rekord u jirrapportaw il-parteċipazzjoni/it-tranżazzjonijiet ta' assi	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
Singapore	**BĊ/ DMO**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u evitar ta' kunflitti ta' interess	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
Il-Korea t'Isfel	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Le	Applikati iżda mhux	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza	Unità interna li	**Iva**

						żvelati			u DIS	tinforza l-azzjonijiet	
	DMO	Iva	Iva	Iva	Le	Għadhom mhux pubblikament disponibbli u lanqas żvelati	Għadhom mhux pubblikament disponibbli u lanqas żvelati	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet (l-ebda sensja)	**Iva**
L-Iżvizzera	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Għadhom mhux pubblikament disponibbli u lanqas żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Azzjoni dixxiplinarja li tista' twassal għal sensja	**Iva**
It-Turkija	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet (l-ebda sensja)	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Le	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet (l-ebda sensja)	**Iva**
L-Istati Uniti tal-Amerka:	**BĊ**	Iva	Iva	Iva	Iva (BĊ domestiku biss)	Applikati iżda mhux żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**
	DMO	Iva	Iva	Iva	Għadhom mhux pubblikament disponibbli/ żvelati	Għadhom mhux pubblikament disponibbli u lanqas żvelati	PSNPU	RTHA	Dmir ta' indipendenza u DIS	Unità interna li tinforza l-azzjonijiet	**Iva**

Tifsira:

“BĊ” tfisser “bank ċentrali”;

“DMO” tfisser “Uffiċċju għall-Ġestjoni tad-Dejn” (debt management office);

“PSNPU” tfisser "segretezza professjonali u l-ebda użu privat” (professional secrecy and no private use);

“RTHA” tfisser “restrizzjonijiet fil-kummerċ u fiż-żamma ta’ assi” (restrictions in trading and holding of assets);

"DIS" tfisser "skwalifikazzjoni jekk il-kunflitt ma jkunx jista' jiġi evitat" (disqualification if unavoidable conflict).